DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR181169** **24.05.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Diskors mill-President tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia waqt il-Konferenza Nazzjonali 'Human Rights and Equality 2.0'***

Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza
Mistednin distinti,

Fil-leġiżlatura li għaddiet kont determinat illi jsiru numru ta' riformi fl-interess tat-trasparenza u tad-demokrazija. Dan l-għan laħaq il-milja tiegħu f'Lulju tal-2016, meta mill-Parlament għaddiet il-liġi li tat l-awtonomija amministrattiva lill-Parlament Malti. Permezz tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, il-Parlament m'għadux dipendenti fuq l-eżekuttiv għax-xogħol amministrattiv tiegħu imma issa huwa l-Parlament innifsu li jiddeċiedi l-baġit tiegħu, u li jimpjega l-i*staff* tiegħu. Din il-mixja lejn l-awtonomija kienet pass importanti biex f'pajjiżna tkompli tissaħħaħ is-saltna tad-dritt u r-rwoli distinti li għandhom il-fergħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-amministrazzjoni.

Kif diġà semmejt, waħda mir-responsabbilitajiet li saru unikament tagħna tirrigwarda l-ingaġġ ta' persuni biex jaħdmu fil-Parlament. Qabel ma għaddiet din il-liġi, l-applikazzjonijiet biex jimtlew vakanzi kienu joħorġu skont il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema kriterji joffru opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Illum, minkejja li permezz ta' din il-liġi inqtajna minn mas-Servizz Pubbliku u mill-mansjoni ta' din il-Kummissjoni, xorta waħda għadna noffru opportunitajiet indaqs lil kulħadd, irrelevanti mill-ġeneru, mir-responsabbilitajiet u anki minn xi diżabilità. Dan għax nemmnu li hekk għandu jkun.

Il-Parlament huwa bla dubju ta' xejn *equal opportunities employer* u biex inżommu dan it-twemmin ħaj anki wara l-ingaġġ, ngħixuh ta' kuljum mal-impjegati tagħna. Għandna numru ta' persuni, kemm nisa u kemm irġiel, li jagħmlu użu minn *family friendly measures* – jew b'terminoloġija aktar aġġornata *work-life balance measures* – bħal telework, *reduced hours* u oħrajn. Għandna persuna nieqsa mid-dawl, li minkejja dan ilha taħdem magħna għal snin twal u li hija integrata għal kollox fir-rutina tax-xogħol ta' kuljum. M'għandniex sitwazzjonijiet ta' *gender pay gap,* għandna nisa f'karigi għoljin, nisa li jaħdmu fl-IT, irġiel li jibbenefikaw minn *family friendly measures*... M'għandniex sterjotipi għax nemmnu li kull bniedem għandu potenzjal u li ma hemm l-ebda kriterju li għandu jippreġudikana kontra xi persuna. Għalhekk is-sejħiet għall-applikazzjonijiet li ser noħorġu ser ikunu miftuħa għal kulħadd, filwaqt li ser inkomplu nagħmlu dak kollu possibbli u ngħinu lil dawk in-nies li diġà jaħdmu magħna sabiex jingħataw l-opportunitajiet li jixirqilhom.

Minkejja li f'dawk li huma impjegati, hemm bilanċ tajjeb bejn iż-żewġ sessi, is-sitwazzjoni ta' fejn jidħlu l-membri parlamentari, sal-lum għadha mhux daqstant feliċi. Minn 67 membru parlamentari,



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

huma biss 10 n-nisa; din hija sitwazzjoni li trid tkompli tiġi indirizzata sabiex inħajru iktar nisa jidħlu fil-politika u ngħinuhom jibbilanċjaw il-ħajja politika impenjattiva ma' dik tal-familja.

Minkejja dan in-nuqqas fin-numru ta' nisa li ġew eletti, il-Parlament xorta waħda qed iħaddan ħafna mill-prinċipji msemmija fl-abbozzi li qed niddiskutu illum. Għaldaqstant, filwaqt li se nkomplu nkunu minn ta' quddiem fil-qasam tal-ugwaljanza, kburin li bħalma l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali huma diġà Uffiċjali tal-Parlament, din ir-relazzjoni ser tkun estiża wkoll għall-Kummissjoni l-ġdida responsabbli għall-ugwaljanza.

Il-Parlament, allura, ser ikollu rwol ewlieni skont dan l-abbozz. L-Ispeaker ser jibda jkollu rwol konsultattiv fil-ħatra tal-karigi billi jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi, jagħmel lista' ta' persuni li jistgħu jkunu nominati bħala membri u jippreżenta dawn in-nominazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Barra minn hekk, ir-riżenji tal-membri tal-Kummissjoni jsiru effettivi hekk kif jaslu għand l-Ispeaker, filwaqt li l-persuni maħtura, inkluż il-Kummissarju, ser jitqiesu bħala uffiċjali tal-Parlament fil-qadi ta' dmirijiethom. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni, barra li għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għandu jiġi diskuss ukoll mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali, illi jittratta l-qasam tal-ugwaljanza.

L-awtonomija tal-Parlament hija imperattiva fil-pajjiż u dan sabiex ikun aċċertat li x-xogħol isir kif suppost u mingħajr l-ebda pressjoni minn fergħat oħra tal-pajjiż. Jibqa' illi, sakemm ċertu entitajiet ma jkunux maqtugħa kompletament minn mal-Eżekuttiv, qatt ma jkollhom indipendenza assoluta fil-ħidma tagħhom għax jibqgħu dipendenti fuq il-Gvern sabiex ikunu appuntati u għall-iffinanzjar, u wħud minnhom jirrispondu lill-Ministeri għax-xogħol li jwettqu. Sal-lum, l-entità li tieħu ħsieb tħares l-ugwaljanza f'pajjiżna għadha f'din il-pożizzjoni; però l-liġi l-ġdida ser taqta' din id-dipendenza u minn mindu tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni li ser tiġi mwaqqfa ser tirrispondi biss lill-Parlament. Il-fatt li l-Parlament minnu nnifsu ma jirrispondi lil ħadd, ikompli jiggarantixxi l-indipendenza fix-xogħol tal-Kummissjoni l-ġdida.

Fuq dan il-punt, nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza – u nsellem ukoll lill-Ministru Helena Dalli – tal-pass li qed jittieħed biex din il-liġi tkompli ssaħħaħ il-ħidma fil-qasam tal-ugwaljanza ta' pajjiżna. Il-fatt li ser jingħata dan l-element ta' indipendenza lill-Kummissjoni, turi l-fiduċja fil-ħidma tal-membri tagħha, flimkien ma' impenn biex l-ugwaljanza f'pajjiżna tkompli tissaħħaħ. Ninnota b'apprezzament ukoll illi ittieħed f'kunsiderazzjoni r-rapport ippubblikat mill-Ombudsman f'Awwissu 2015 meta ħarġet il-*White Paper* bi preparazzjoni għall-abbozzi li qed niddiskutu illum; huwa ta' sodisfazzjon li naraw kif numru mir-rakkomandazzjonijiet li nsibu f'dan ir-rapport sabu posthom f'dawn l-abbozzi.

Nemmen li din il-Kummissjoni se tkun l-ewwel waħda li ser tħares lejn l-ugwaljanza minn aspett tassew ħolistiku għaliex ser tkun qed tittratta l-kwestjonijiet minn perspettivi differenti. Meta jitqajmu ċertu kwistjonijiet waqt il-laqgħat tal-Kummissjoni, dawn ser ikunu jistgħu jiġu diskussi minn perspettivi differenti – barra minn hekk, mhux ser jiġu diskussi biss minn nies li jaħdmu fil-qasam speċifiku, imma minn esperti f'tipi differenti ta' ugwaljanza, li kollha ser jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. Għandna naslu f'punt fejn, filwaqt li l-Kummissarji kollha li jiffurmaw parti minn din il-Kummissjoni ser iżommu l-istatus awtonomu tagħhom, se jkollhom ukoll il-possibilità li jaħdmu flimkien, dejjem fl-aħjar interess tal-poplu. Dan ir-rwol ġdid tal-Kummissarji ser ikun jixbaħ ukoll lil numru ta' organizzazzjonijiet volontarji li jagħmlu xogħolhom b'mod indipendenti u li jaħdmu wkoll flimkien biex jippromwovu l-ugwaljanza. Il-Kummissjoni ser tkun qed tipprovdi din it-tip ta' dinamika effettiva fuq livell ogħla.

Il-Parlament, bħala l-organu leġiżlattiv, qiegħed fl-aħjar pożizzjoni li jippromwovi l-ugwaljanza u li jaħdem kontra d-diskriminazzjoni; nemmen li f'dan il-qasam hawn, u dejjem kien hawn, qbil wiesa' bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra. F'dawn l-aħħar snin għaddew ħafna liġijiet li b'xi mod jew ieħor żiedu l-ugwaljanza, bħal-liġijiet li taw drittijiet indaqs lill-persuni LGBTI u dawk li taw iktar protezzjoni lill-vittmi ta' vjolenza domestika. Dan ix-xogħol parlamentari ser ikompli jsir, kemm fil-plenarja, kif ukoll fil-kumitati li huma responsabbli mill-qasam tal-ugwaljanza. Nistgħu ngħidu li pajjiżna għamel passi kbar f'dawn l-oqsma, u mhux biss f'livell leġiżlattiv. Permezz tal-abbozzi li qed nitkellmu dwarhom hawnhekk, qed inkomplu nagħmlu pass ieħor kbir għaliex kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali qed jingħataw l-importanza li jixirqilhom, u iktar minn hekk, qed jingħataw l-għodda biex jinvestigaw kwistjonijiet mingħajr ma jkunu kkontrollati mill-istess entità li forsi jkunu qed jinvestigaw. L-ugwaljanza qed tingħata post 'l fuq mill-politika u 'l fuq mill-Gvern, sabiex toffri l-iktar protezzjoni possibbli liċ-ċittadini.

Nixtieq nagħlaq billi ngħid illi sar ħafna progress mhux biss lokalment, iżda anki 'l barra minn xtutna. Fuq livell Ewropew, f'dawn l-aħħar xhur, il-Kummissjoni Ewropeja nediet diversi inizjattivi biex tkompli bil-ħidma favur l-ugwaljanza, fosthom l-inizjattiva għal *work-life balance* li tindirizza l-bżonnijiet ta' ġenituri li jaħdmu, u l-Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 dwar il-*gender pay gap*. Ġiet imnedija wkoll l-iSpotlight Initiative, inizjattiva konġunta bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti b'baġit ta' 500 miljun ewro, intiża sabiex telimina kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfal f'ħames reġjuni tad-dinja: l-Ażja, l-Afrika Sub-Saħarjana, l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Paċifiku.

Ta' min isemmi wkoll żviluppi pożittivi li qegħdin iseħħu fil-Commonwealth; pereżempju, minbarra l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fil-logħob prinċipali tal-Commonwealth sa mill-2002, għall-ewwel darba fi 88 sena fl-istorja tagħhom, fl-2018 kien hemm numru ugwali ta' medalji li setgħu jintrebħu minn nisa u rġiel. Għaldaqstant rajna pass kbir 'il quddiem minn meta bdew dawn il-logħob fl-1930, fejn in-nisa kellhom biss 7 kompetizzjonijiet fejn setgħu jintrebħu medalji.

Nemmen li l-ugwaljanza qed tkompli tingħata prominenza u li hemm impenn, kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna, biex naraw żviluppi pożittivi. Lokalment, permezz ta' dan l-abbozz diġà għandna bażi soda fuq xiex inkomplu nibnu, u persważ li l-impenn kollu li sar s'issa ser jixpruna iktar xogħol minn min verament għandu għal qalbu l-ugwaljanza. Għandna dejjem inkomplu nħarsu 'l quddiem ħalli naraw x'nistgħu nagħmlu biex intejbu s-sitwazzjoni f'pajjiżna. Ninsab ċert li l-impenn u l-ħeġġa li qed nara hawnhekk illum, ser jissarrfu f'ħafna ġid u f'iktar progress.

Grazzi